KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

19 ta' Lulju 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Ghoxrin (20) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah **l-ghoxrin (20)** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 3 ta' Lulju 2013 fit-3.00pm.**

L-Ghoxrin (20) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart Tas-Sena
10. Ingagg ta Haddiem Manwali
11. Ismijiet ta Toroq
12. Hrug ta Tenders
    a. Collection of Bulky Refuse
    b. Street Sweeping and Cleaning
13. Bye Law dwar l-uzu ta` art pubblika
14. Progett ta` Taht il-Forka
15. Tindif u Manutenzjoni fil-latrini pubblici
16. Evalwazzjoni tal-Offerti - BookBox
17. Gnien il-Mall
18. Asfaltar u Bankini f'Balzunetta
19. Isle of MTV
20. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena
21. Progett tal-Polverista ta Binja Vilhena
22. Residenzi u Hwienet maghluqin fil-Floriana
23. Arblu f'nofs Pjazza Sant` Anna
24. Justin Haber Football Academy
25. Floriana Fest
26. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Ghoxrin (20) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 3.11.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tad-dsatax (19)-il laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 19.2.1 li ghandha taqra "il-haddiema".

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 22.3 li ghandha taqra "Wara suggeriment tal-Kunsillier Vincent Borg…."

1.4 Wara mozzjoni mressqa mill- Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija f'1.1 bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, ET, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (NH)

1.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li r-raguni ghalfejn kien qed jastjeni mill-vot favur l-approvazzjoni tal-minuti hija minhabba li hu ma kienx prezenti ghal-laqgha precedenti.

1.6 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano ghamel riferenza ghall-materja nru 4.2 (19) u qal li wara li kien ivverifika, irrizulta li s-Sur Heathcliffe Balzan kien ghadu ma giex approvat bhala membru tas-sottokumitat. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, tressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni tas-Sur Heathcliff Balzan bhala membru tas-sottokumitat tar-relazzjonijiet lokali u internazzjonali, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (ET, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

2.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.1 (19) u saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kienet intbaghtet l-ittra mill-Avukat tal-Kunsill lill-Justin Attard fejn is-Sur Attard kien irrisponda. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kienu ntbaghtu l-kummenti lin-nutar sabiex ilesti d-dokumenti necessarji biex jigi ffirmat kuntratt bejn il-Kunsill u Justin Attard. F'kaz li s-Sur Attard jonqos milli jiffirma dan il-kuntratt, il-Kunsill ser jipprocedi legalment.

2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.2 (19) u saqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp dwar it-testing area. Is-Sindku wiegeb li din il-materja kien qed jiehu hsiebha l-Vici Sindku Matthew Paris izda hu ma kienx gie nformat jekk it-testing area saritx.

2.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.6 (19) u saqsiet x'kien ir-rizultat. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kollox kien gie regolarizzat.

2.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 11.1 (19) u saqsiet x'kien gie diskuss waqt il-laqgha. Is-Sindku Nigel Holland informa li l-persuna in kwistjoni ma kinietx attendiet ghal-laqgha u ghalhekk issa l-Kunsill kien qed jistenna li jerga' jigi kkuntattjat sabiex jiddiskuti dan il-progett.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.9 (19) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ivverifika. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien ivverifika ma' kunsill iehor fejn kien kkonferma li l-attendants li ghandu mal-latrina kienu impjegati tal-Cleansing Department. Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ser isegwi din il-materja u jikkuntattjahom hu.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.5 (19) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi.

2.7.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jistax jifhem ghalfejn ma kinietx ittiehdet decizjoni mill-Kunsill ghax ma kienx prezenti hu ladarba l-ilmenti kienu saru mill-kunsilliera u mhux minnu.

2.7.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li ga ghamilha cara ma kullhadd li fil-laqgha mal-kuntrattur ma kien gie deciz xejn u li kull ma gara kien li sema l-ispjegazzjoni tieghu u qal lill-kuntrattur biex jaghmilha bil-miktub u jibghata lill-kunsill. Is-Sindku Nigel Holland tenna li ladarba l-ilment kien tressaq minn Kunsilliera li kienet prezen ti fil-laqgha tal-Kunsill li ghaddiet, allura setghet ittiehdet decizjoni dakinhar jekk l-ispjegazzjoni tal-kuntrattur kienetx gustifikata jew le.

2.7.3 Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li peress li s-Sindku biss kien prezenti ghal-laqgha mal-kuntrattur izda mhux ghal-laqgha tal-Kunsill, il-kunsillieri ma kienux jafu x'kien gie diskuss u deciz waqt il-laqgha li nzammet mal-kuntrattur.

2.7.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili issuggeriet li jkun ahjar jekk il-kunsillier responsabbli mill-indafa jmur fuq il-post flimkien mal-kuntrattur sabiex jigi ccekkjat il-culvert.

2.7.5 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-culvert kienx gie ccekkjat meta sar l-ilment.

2.7.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li l-indafa ma taqax taht id-dekasteru taghha u hi kienet sempliciment ressqet l-ilment lill-kunsillier responsabbli.

2.7.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma kienx saqsa b'dik l-intenzjoni izda biex jara jekk ir-resident kienx ilmenta fuq il-culvert innifsu jew fuq ix-xibka.

2.7.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li fl-opinjoni taghha, il-kuntrattur kien imissu biddel ix-xibka wkoll wara li rranga l-culvert.

2.7.9 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill jibghat il-haddiema tieghu sabiex jivverifikaw jekk il-culvert ghadux mizdud.

2.7.10 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu l-ewwel jistenna t-twegiba minghand il-haddiema qabel ma jiehu decizjoni fuq it-tnehhija tad-default notice lill-kuntrattur Wilson Mifsud.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 19.4.2 (19) u nforma lill-Kunsill li kien talab kwotazzjoni minghand Dion Galea li tinkludi it-trasport kollu tal-hamrija, li tammonta ghal €160. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi b'din il-kwotazzjoni.

2.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 13 (19) fejn informat li l-football tournament kien sar u kienet ingabret is-somma ta' €84 ghall-Puttinu Cares.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 19.3 (19) u qal li ghalkemm m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jinhargu cirkolarijiet, hu jhoss li c-cirkolari ghandhom ikunu ffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u mhux minn kunsillier.

2.10.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-attivita' tal-Isle of MTV kien responsabbli taghha hu u

ghalkemm ma xtaqx li johloq kwistjoni, ma jaqbilx li ghandhom jinzammu laqghat li jikkoncernaw id-dekasteru tieghu minn kunsillieri ohra specjalment fl-assenza tieghu.

2.10.2 Is-Sindku qal ukoll li hu ma jaqbilx li tohrog cirkolari minghajr ma jkun ra hu minhabba li l-Kunsill kien qabel li kull cirkolari ghandha l-ewwel tghaddi ghand is-Sindku ghall-approvazzjoni qabel ma tinhareg .

2.10.3 Is-Sindku qal li jinsab informat li l-Vici Sindku kien hareg din ic-cirkolari minhabba li kien hu responsabbli fl-assenza tas-Sindku peress li kien imsiefer izda xorta wahda kellu jkun ikkonsultat.

2.10.4 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' titqajjem fil-prezenza tal-Vici Sindku Matthew Paris.

2.10.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi thoss li c-cirkolari ghandha tinhareg taht l-isem tal-kunsillier li jkun responsabbli mill-kariga jew id-dekasteru li tittratta c-cirkolari.

2.10.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li din hija decizjoni tas-Sindku u hu jhoss li ghandu jkun informat b'kull cirkolari li tkun ser tinhareg.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-problema tal-indafa fil-lokalita' qeghda dejjem tikber u ghalhekk kien talab lill-kuntrattur b'kemm il-haddiem qed jahdem u b'liema frekwenza.

3.1.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li jhoss li l-kuntrattur Wilson Mifsud qed jonqos hafna minn dimirijietu u jinsab informat mill-istess kuntrattur li kien qed jahdem b'zewg haddiema part time biss.

3.1.2 Is-Sindku qal ukoll li kien qed jipproponi default notice lill-kuntrattur Wilson Mifsud minhabba nuqqas kontinwu ta' tindif fiz-zona tal-Biskuttin – zona centrali u turistika li taghti hafna fil-ghajn. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jhossx li l-Kunsill ghandu joqghod jigbed l-attenzjoni tal-kuntratturi u jindikalom kull nuqqas izda ghandu jkun il-kuntrattur li jirrimedja fejn ikun qed jonqos.

3.1.4 Is-Sindku qal ukoll li hdejn il-Middlesea House ghad hemm hafna hmieg minkejja li l-kuntrattur kien imhallas zejjed mill-organizzaturi tal-Isle of MTV sabiex inaddaf wara l-kuncert.

3.1.5 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li kien ser jesiegi li l-haddiema kollha tal-kuntratturi jkunu lebsin hwejjeg adattati u li jintarfu bhala haddiema tal-Kunsill.

3.1.6 Is-Sindku qal ukoll li jekk il-kuntrattur mhux ser jirranga s-sitwazzjoni drastikament, kien ser ikun qed jipproponi li l-Kunsill jitterminalu l-kuntratt.

3.1.7 Is-Sindku ssuggerixxa li t-tabella tal-Floriana li hemm fi Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra jizdiedu maghha l-kliem "gemellata ma' Macerata u Kercem". Il-Kunsill qabel.

3.1.8 Is-Sindku kompla billi qal li zewg haddiema part time m'humiex bizzejjed biex ilehhqu mal-frekwenza tat-tindif tal-lokalita'.

3.1.9 Is-Sindku ssuggerixxa wkoll li l-Kunsill iwaqqaf il-parti mill-kuntratt fejn il-kuntrattur

jithallas €420 biex inaddaf it-tarag tal-Kalkara u l-Valletta Waterfront minhabba li dan ix-xoghol ma kienx qed isir u kien qed isir mill-Gvern Centrali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.1.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li fil-kuntratt il-gdid jizdied il-bzonn ta' tindif tat-tarag ta' hdejn il-Valletta Waterfront u li jinhasel imqar darbtejn fil-gimgha minhabba li din hija zona turistika u dan it-tarag ikun mahmug hafna.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Reuben Sciberras, is-Segretarju Privat tal-Ministru Karmenu Vella fejn talab laqgha mal-Kunsill u mas-Sur Montebello dwar il-lampi tal-Fosos nhar il-Erbgha 10 ta' Lulju 2013 ft-3.30pm. Il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba ghal laqgha.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kirja tal-picc sintetiku li kien hemm ricentement u qal li l-Kunsill kien ha decizjoni li ma jinkeriex il-picc sintetiku matul ix-xhur tas-Sajf fil-vaganzi tat-tfal. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien inkera l-picc sintetiku z-zghir u mhux il-kbir.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand il-gwardjani lokali sabiex ibiddlu l-hinijiet tax-xoghol taghhom fejn kienu qed jipproponu li jibdew ftit qabel sabiex jispiccaw iktar kmieni.

3.4.1 Is-Sindku qal li matul il-laqgha tar-Regjun Xlokk li nzammet ricentement, hu kien oggezzjona li jibdew iktar kmieni minhabba li l-Kunsill kellu bzonn lill-gwardjani lokali sabiex jissorveljaw l-iskema tal-parkegg tar-residenti li tibda' fit-8am.

3.4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien hemm kontravvenzjonijiet ohra fuq xiex setghu jahdmu l-gwardjani lokali.

3.4.3 Is-Sindku qal li hu jkun favur li l-gwardjani lokali jibdew iktar kmieni jekk ikun hemm zvilupp fuq il-kontravvenzjonijiet relatati mal-indafa.

3.4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi thoss li l-gwardjani lokali m'ghandhomx ikomplu jaghmlu distinzjoni bejn in-nies li jafu u dawk li ma jafux u hemm bzonn li jibdew jimxu strettament ma' kulhadd. Is-Sindku wiegeb li jekk qed ikun hemm diskriminazzjoni, il-Kunsill ghandu jitlob lill-kumpanija sabiex tbiddel il-gwardjani lokali bhalma kien sar darba.

3.4.5 Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jitlob lill-gwardjani lokali sabiex jidhlu iktar kmieni mis-soltu t u l-Kunsill jipprova b'trial period sabiex jara x'ser ikun ir-rizultat.

3.4.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li jekk ser jispiccaw kollha kmieni, ser ikun hemm iktar abbuz fil-hinijiet ta' wara nofsinhar fl-iskema ta' parkegg residenzjali.

3.4.7 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jilqa' t-talba parzjalment fejn xi whud mill-gwardjani lokali jibdew jidhlu iktar kmieni fuq bazi ta' roster, sabiex ikun hemm dejjem gwardjan lokali li jkun fuq ir-rotta wara nofsinhar u dan fuq trial period ta' hmistax-il gurnata.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien gie avvicinat minn resident fi Triq Antonio Agius li talab li jitwahhlu xi bollards jew planters fuq naha minnhom tat-triq minhabba l-problema li qed tinholoq. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' t-talba tieghu.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li hemm fanal li ma jixghelx fil-bitha tal-Housing Estate. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li dak il-fanal qatt ma kien jahdem u ilu snin ma jixghelx. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jitnehha.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Ministeru ta' Leo Brincat fejn informaw lill-Kunsill li t-talba tieghu sabiex ir-responsabbilta' ta' Gnien il-Mall tghaddi taht il-Kunsill, kienet qed tigi rrifjutatha.

3.8 Is-Sindku qal li l-fjamma eterna li hemm hdejn il-monument tal-Gwerra ma kinietx qed tinxteghel u ssuggerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Gvern Centrali sabiex jergghu jibdew jinxteghlu z-zewg fjammi eterni.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand il-Gizwiti biex jitnehhew il-konki li hemm magenb Dar Sarria minhabba li kienu qed jarmu hafna zibel fihom. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jitnehhew.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kuntrattur Karl De Flavia fejn talab li l-Kunsill iwaqqa' l-multa imposta lilu. Il-Kunsill qabel li l-multa ghandha taqa'.

**Nota: 16:05 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

3.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jaghti default notice lill-kuntrattur Karl De Flavia rigward in-nuqqas kontinwu ta' tnehhija ta' haxix hazin minn mal-konki li hemm fi Gnien Vilhena, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Ittiehed vot favur din il-mozzjoni bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, DSH, NH, ET, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

3.12 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li kienu qed jinqalghu il-bocci minn fuq il-bollards li hemm fi Triq il-Konservatorju. Il-Kunsill qabel li ghandu jirrangahom izda qabel ukoll li ma' kull kuntratt ta' xoghol ghandha tizdied kundizzjoni fejn il-kuntrattur irid jaghti garanzija ta' sitt xhur fuq ix-xoghol tieghu.

3.13 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien gie kkuntattjat mic-Chairman tal-PCRB fejn kien ressaq talba ghal reserved parking area quddiem il-bini taghhom. Hu qal li dawn kien ser ikollhom bzonn din iz-zona riservata darbtejn fil-gimgha minhabba s-seduti li jsiru. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-applikant sabiex jirreferi ghand il-Kunsill Lokali u jottjeni permess bi hlas sabiex jipparkja l-vetturi fejn il-Kunsill anke jipprovdilu tabelli tan-No Parking ghall-uzu tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mieghu u joffrilu dan is-suggeriment.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jivverifika r-reserved parking bays li hemm fil-lokalita' u talab li jitnehhew iz-zoni riservati kollha li m'humiex skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet dwar il-wi-fi spots u jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kienu gabulna l-kaxxi u kienu talbu il-hlas ghalihom izda l-Vici Sindku kien gie nformat li kien waqaf kollox temporanjament peress li kien hemm bdil tal-bord.

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemmxi zviluppi dwar it-tnehhija tas-sigar minn Pjazza Sir Luigi Preziosi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghad m'ghandux risposta. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Borg ghandu jivverifika mal-Perit.

4.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghas-safra ricenti tas-Sindku u saqsa jekk l-isponsorship li kien gie moghti lill-Kunsill kienx fir-remiti tal-ligi. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill kellu kull dritt li jitlob u jaccetta sponsorships, kif ilhu jaghmel is-snin f'diversi attivitajiet, u ghalhekk dan ma kienx illegali. Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li din is-safra lill-Kunsill kienet giet tiswih xi €40.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq il-minuti tal-Laqgha pubblika tal-Floriana Business Community, tas-sottokumitat tieghu.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-minuti taz-zewg laqghat tas-Sottokumitat Ambjent u Indafa Pubblika.

5.3 Is-Sindku Nigel Holland informa li kienet saret laqgha mas-Sindku tal-Kunsill tal-Belt Valletta fejn kien gie propost li l-Kunsill Lokali Floriana jappoggja l-bye law ghall-manutenzjoni tal-faccati, djar, ecc. Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-kunsillieri jigu pprovduti bi draft ta' din il-bye law.

5.4 Il-Kunsill qabel li jkun hemm working group bejn il-Kunsill u l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

5.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li kellu proposta mill-Vilhena BC biex ikollhom rapprezentant tal-banda fis-sottokumitat tar-relazzjonijiet lokali u internazzjonali. Is-Sindku ppropona li kull ghaqda li jista' jkollha gemellagg ma' xi ghaqda f'Macerata jew f'Kercem tkun tista` tibghat rapprezentant fis-sottokumitat relazzjonijiet lokali u internazzjonali li jkun irid jigi approvat mill-Kunsill.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

**Nota: 16:30 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

6.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq rapport relatat mal-proposta sabiex ma jibqghux jghaddu heavy vehicles minn Triq il-Kapuccini fejn Transport Malta kienu talbu traffic management survey. Il-Vici Sindku qal li dan ir-rapport kien jinkludi analizi kif ukoll ir-readings u r-rizultati mitluba. Il-Kunsill approva dan ir-rapport sabiex ikun jista' jitressaq lill-Transport Malta.

**Nota: 16:32 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili rritornat ghal-laqgha.**

6.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li kienet saret laqgha mar-residenti fejn kien hemm qbil unanimu rigward il-mozzjoni biex ma jibqghux jghaddu heavy vehicles minn Triq il-Kapuccini.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1 Ma kien hemm l-ebda hlas ta' kontijiet pendenti, xiri u materji finanzjarji.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**20/1 –** *Billi l-kunsill qieghed fil-process sabiex jimpjega Handyman, inhoss il-bzonn li l-kunsill ikollu van sabiex il-haddiema jkunu jistghu jahdmu ahjar.*

Proponent – Vincent Borg ______________________
Datata – 29 ta Mejju 2013

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien ghamel ir-ricerka fejn prezenta diversi alternattivi fosthom li xiri ta' vann gdid, xiri ta' vann second hand jew leasing ta' vettura.

Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jhoss li m'hemmx bizzejjed finanzi sabiex il-Kunsill ikun jista' jaghmel dan il-pass u jixtri vann.

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li n-nefqa ghal dan il-vann u l-manutenzjoni tieghu hija ftit ikkumparata mal-ammont ta' fondi li jintefqu ghall-attivitajiet.

Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur li l-Kunsill jipprovdi vann lill-haddiema tieghu, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, DSH)
Kontra: 3 (NH, MP, ET)
Astensjonijiet: 0

---

**20/2 –** *Mozzjoni sabiex isiru l-kuntatti dwar il-possibilita li l-kunsill jizviluppa smart phone/android application.*

Proponent – Matthew Paris ______________________
Datata – 25 ta' Gunju 2013

Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jixtieq jesplora l-possibilta' li l-Kunsill ikollu application ghall-smart phones u android.

Il-Vici Sindku qal li wara ricerka li ghamel, kwazi kull kunsill lokali fl-Ingilterra ghandu l-application tieghu u ghalhekk hu xtaq jesplora l-possibilta' li l-Kunsill ikollu l-application tieghu.

Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk din kinietx bzonn ladarba wiehed diga seta' jaccessa s-sit tal-Kunsill mit-tablet jew l-ismartphone tieghu.

Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur li jsiru l-kuntatti u r-ricerki necessarji biex il-Kunsill jara kemm tigi tiswa application tieghu, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, ET, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (VB)

---

**20/3 –** *Sabiex isiru pjanti sabiex jigu prezentanti lill-Ministru ghat-trasport u Infrastrutura dwar zvilipp tal-masgar ta' quddiem il-kumpless maghruf bhala Europa Centre.*

Proponent – Matthew Paris ________________________
Datata – 25 ta' Gunju 2013

Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien qed jipproponi dan in vista tal-laqgha li kien hemm mal-Ministru Mizzi.

Is-Sindku Nigel Holland qal li fl-imghoddi kien hemm il hsieb li jsir monument ta' Robert Samut, il-kompozitur Furjaniz tal-Innu Malti biex jigi parigg dak ta'Dun Karm, li kiteb il-kliem tal-istess innu. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li dan il-monument jista jigi inkorporat fil-progett.

Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur il-prezentazzjoni ta' progett ta' zvilupp tal-masgar quddiem il-kumplesss maghruf bhala Europa Centre lill-Ministru ghat-Trasport u Infrastruttura, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, ET, DSH, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

**20/4 –** *Sabiex isiru pjanti u sussegwentament tigi intavolata applikazzjoni quddiem il-MEPA, sabiex il-pjazza ta' hdejn il-knisja (hdejn id-dar arcipretali) tigi rigenerata, fi pjazza bil-bankijiet u parkegg*

Proponent – Matthew Paris ________________________
Datata – 25 ta' Gunju 2013

Il-Vici Sindku qal li l-idea hija li jsir tisbih fiz-zona ta' magenb il-Knisja sabiex ikun hemm zieda fil-parkegg u jitwahhlu wkoll xi bankijiet.

Is-Sindku Nigel Holland qal li ma kienx favur din il-proposta minhabba ragunijiet estetici u anke ghax il-bankina kif qeghda bhalissa, hija sabiha fl-wiesgha taghha.

Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq il-mozzjoni izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

---

## <u>9.0 Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart Tas-Sena</u>

9.1 Is-Sindiu Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fuq fuq ir-rapport finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena.

9.2 Is-Segretarju spjega li kien hemm surplus fl-ewwel kwart tas-sena, madankollu, dan

huwa minhabba li numru l-ispiza fl-ewwel kwart tkun inqas mit- tieni kwart, minhabba li fit-tieni kwart jidhlu il-pagamenti tal-Festival tan-Nar.

9.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, VB, DSH, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Ingagg ta Haddiem Manwali

10.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li llum kienu nzammu l-intervisti mal-applikanti li kienu gew shortlisted ghall-vaganza ta' haddiem manwali.

10.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien qed jipproponi li jintaghzel Alfio Sciberras minhabba li hu kien l-applikant l-iktar addattat, issekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, MP, NH, ET, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 11.0 Ismijiet ta Toroq

11.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li ricentement kien qed jaghmel ezercizzju fuq l-ismijiet tat-toroq fejn irrizulta li ghad hemm toroq li m'ghandhomx isem u ghalhekk kienet inzammet laqgha mas-Sur Michael Balzia li kien irrefera lill-Kunsill mas-Sur George Vella.

11.2 Is-Sindku qal ukoll li ghad hemm indirizzi bl-isem hazin tat-triq u ghad hawn hafna anomaliji u ghalhekk kien hemm bzonn li l-ismijiet tat-toroq jigu ccarati u t-toroq li ghad m'ghandhomx isem ghandhom jinghataw isem.

11.3 Is-Sindku ppropona li Triq San Tumas (il-parti fejn hemm l-Alliance Francaise) tigi Trejqet San Tumas. Il-Kunsill approva.

11.4 Is-Sindku semma wkoll Triq l-Argotti z-zghira u ppropona li din tinghata isem differenti minhabba li ma tkompliex mal-kumplament ta' Triq l-Argotti.

11.5 Is-Sindku qal ukoll li wara ricerka li ghamel, jidher li jekk jinbidel l-isem tat-triq, ma jkunx hemm ghalfejn jinbidlu n-numri.

11.6 Is-Sindku ghamel riferenza ghal Triq l-Assedju l-Kbir li tkompli sal-pompa tal-petrol sa hdejn ir-roundabout tal-monument tal-Gwerra u ghalhekk ippropona li din il-parti tinghata isem iehor. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

11.7 Is-Sindku semma wkoll it-triq li taghti ghall-iskola Ospizio (il-parti ta' bejn il-mina u d-dawra tat-triq), izda gie deciz li din ma tinghatax isem differenti ghaliha.

11.8 Is-Sindku qal ukoll li hemm bzonn jitwahhlu t-tabelli f'toroq fejn issa hemm isem bhalma huma t-Telgha tal-Kurcifiss, Triq Sir Hannibal Scicluna, Xatt it-Tiben, ecc. Il-Kunsill qabel.

11.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni wkoll li hemm xi tabelli neqsin fi Triq il-Kapuccini u fi Triq l-Isqof Mauro Caruana. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel dawn it-tabelli wkoll.

11.10 Is-Sindku qal ukoll li kien ser jipproponi li toroq b'inizjali bhalma huma Triq V. Dimech, jinghataw l-isem shih, ie. Triq Vincenzo Bugeja.

## 12.0 Hrug ta Tenders

## 12.1 Collection of Bulky Refuse –

**Nota: 17:20 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

12.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi qal li l-process sabiex jinhareg it-tender il-gdid irid jibda minn issa minhabba li t-tender kien ser jaghlaq dalwaqt.

12.1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa tliet alternattivi: jew li tinzamm il-procedura prezenti ta' somma kull kollezzjoni b'massimu ta' zewg oggetti kull kollezzjoni; li jizdiedu l-ammont ta' oggetti migbura kull kollezzjoni jew li l-Kunsill jaghmel retainer fee, fejn propona li jsir capping, cioe limitu fuq is-somma massima ta' kemm tista' tintefa' l-offerta'. Huwa qal li kien diga ghamel ezercizzju zghir fejn kien ha medja ta' kemm jingabru oggetti kull gurnata ta' kollezzjoni.

12.1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li n-numru ta' oggetti kull kollezzjoni kien naqas hafna minn wara d-decizjoni mehuda mill-Kunsill li jaccetta biss telefonata wahda kull persuna, kif ukoll kollezzjoni wahda kull telefonata.

**Nota: 17:25 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

12.1.4 Il-Vici Sindku ppropona li l-Kunsill johrog it-tender b'limitu ta' kemm tista' tintefa' t-tender u l-offerta' tkun fuq retainer basis.

12.1.5 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa li l-Kunsill jaghmel limitu fuq l-ammont ta' oggetti li jistghu jingabru kull gurnata ta' kollezzjoni u dan biex anke l-offerent ikollu idea ta' kemm-il oggett jista' jkun hemm ghall-gabra.

**Nota: 17:30 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

12.1.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx minhabba li jista' jkun hemm granet fejn id-domanda tkun kbira u l-Kunsill ma jkunx jista' jakkomoda r-residenti kollha.

12.1.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet l-attenzjoni li jekk il-kuntrattur jithallas ammont fiss kull kollezzjoni, dan jaf jaghti lok ghall-abbuz minhabba li l-kuntrattur ma jkollux

incentiv.

12.1.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx ma' dan minhabba li l-Kunsill kien finalment irnexxielu jnizzel il-figura ta' oggetti kull kollezzjoni u jekk il-Kunsill ser jintrabat b' ammont fiss kull xahar, ma kienx ser ikun qieghed jiffranka. Is-Sindku qal ukoll li hemm lok fejn ikompli jitnaqqas l-ammont ta' oggetti migbura kull kollezzjoni.

12.1.9 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill ma jintarabatx b'massimu ta' oggetti kull kollezzjoni u dan minhabba li l-bzonn jista' jikber jew jizdied.

12.1.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar li l-kuntratt jigi mgedded kull sena u ghalhekk il-Kunsill seta' jemenda jew jaghzel li ma jgeddidx il-kuntratt wara l-ewwel sena.

12.1.11 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill joffri zewg proceduri alternattivi u jiddeciedi fuq l-irhas procedura.

12.1.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-offerta' tinhareg b'capping izda ma jkunx hemm limitu ghall-ammont ta' oggetti li jingabru kull kollezzjoni.

**Nota: 17:40 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

12.1.13 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jekk ma jkunx hemm limitu, il-kuntrattur ma jkollux indikazzjoni ta' kemm jista' jkun hemm oggetti x'jingabru. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li l-Kunsill jista' jipprovdi lista' ta' oggetti li jkunu ngabru f'perjodu sabiex il-kuntratturi jkunu jistghu jiehdu idea.

**Nota: 17:45 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

12.1.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq proposta sabiex it-tender jinhareg bhal dak prezenti u cioe li l-kuntrattur jithallas ta' kull kollezzjoni minghajr limitu jew somma fissa, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH, ET)
Kontra: 3 (DSH, MP, VB)
Astensjonijiet: 0

12.1.15 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq kontro mozzjoni li l-kuntratt jinhareg fuq retainer basis li ma teccediex is-somma ta' €4000 fis-sena u li ma jkunx hemm limitu fin-numru ta' oggetti li jingabru kull kollezzjoni bil-premessa li l-kuntratt jigi mgedded kull sena sa tliet snien, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (MP, VB, DSH)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 0

## 12.2 Street Sweeping and Cleaning

12.2.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li fil-kuntratt tat-tindif ikun hemm kundizzjoni li l-kuntrattur ihaddem ammont ta' nies specifiku jew irid jaghmel ammont ta' sieghat fil-gimgha.

12.2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien difficli tikkwantifika s-sieghat ta' kemm qed jahdem kull haddiem.

12.2.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jinsab informat li hemm triq partikolari fejn titnaddaf u tinhasel biss mir-residenti minhabba li l-kuntrattur rari jnaddafha.

12.2.4 Il-Vici Sindku qal ukoll li mill-applikazzjonijiet li rcieva tal-Floriana Business Committee irrizulta li l-maggoranza tal-ilmenti kienu rigward l-indafa fil-lokalita'.

12.2.5 Is-Sindku qal li l-kuntrattur prezenti mhux qed jahdem b'bizzejjed nies u s-sitwazzjoni hija wahda prekarja. Huwa qal ukoll li l-kuntrattur qed jahdem b'zewg part timers biss u dan mhux bizzejjed biex titnaddaf il-Floriana kollha min-naha ghall-ohra, skont l-iskeda ta' frekwenza.

12.2.6 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jinzamm l-istess tender prezenti izda li jsir t-tibdil fl-iskeda, u l-offernt itid jaghti dettalji ta' kif ser jopera is-servizz, kif propost diga.

## 13.0 Bye Law dwar l-uzu ta` art pubblika

**Nota: 18:00 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgha tigi estiza b'siegha.**

13.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kinietx giet iccirkolata l-bye law lill-kunsillieri.

13.2 Is-Sindku saqsa jekk il-kunsillieri jaqblux mal-abbozz propost li kien gie ccirkolat qabel il-laqgha.

13.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk l-organizzaturi tal-Isle of MTV kienux hallsu tal-uzu ta' Triq San Publju. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien qed jikkalkula s-somma qabel ma jibghatilom il-kont.

13.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jerga' jqajjem l-abbozz li kien diga ghamel f'amministrazzjoni precedenti u jara x'ikun ir-rizultat. Il-Kunsill qabel.

## 14.0 Progett ta` Taht il-Forka

14.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-materja kienet diga giet diskussa iktar kmieni fil-laqgha.

## 15.0 Tindif u Manutenzjoni fil-latrini pubblici

15.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li din ukoll kienet giet diskussa iktar kmieni.

15.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghal-latrina pubblika ta' hdejn il-Klabb tal-Bocci fejn qal li hemm bzonn isir xi haga minhabba li qeghda f'sitwazzjoni hazina hafna.

15.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jekk din mhux ser titranga, hemm bzonn li tinghalaq minhabba li qeghda ta' periklu kbir.

## 16.0 Evalwazzjoni tal-Offerti – BookBox

16.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-kwotazzjonijiet kollha li ngabru kollha kienu jammontaw ghal spiza kbira u ghalhekk il-Kunsill kien iddecieda li jara alternattivi ohra.

16.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien talab kwotazzjonijiet ohra minghand mastrudaxxi u kien qed jistenna risposta.

## 17.0 Gnien il-Mall

17.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-problema ta' Gnien il-Mall ghadha pendenti.

17.2 Is-Sindku qal li kien hemm bzonn li l-Kunsill jinsisti mal-ministru minhabba li l-ilmenti qed jibqghu jippersistu u kien hemm bzonn li jsir xi haga.

17.3 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-Kunsillier Borg jekk kienx tkellem mal-ELC rigward il-bins. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li kien tkellem mal-ELC izda s-sitwazzjoni kienet baqghet l-istess.

## 18.0 Asfaltar u Bankini f'Balzunetta

**Nota: 18:05 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

18.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien qed jistenna l-finanzi mill-Awtorita' tad-Djar sabiex ikun jista' jkompli dan il-progett.

18.2 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Vincent Borg ghandu jkellem lill-pirjol tal-Kunvent tal-Kapuccini rigward il-materjal li qed jinzamm ghandhom wara li l-kuntrattur kien qal li dehrlu li naqas l-ammont ta porfido li kien qed jinzamm hemm..

18.3 Is-Sindku Nigel Holland saqsa rigward il-problema tad-drenagg li kien hemm fi Triq l-Iljun. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li kienet ittiehdet decizjoni mill-Kunsill fil-laqgha precedenti fejn il-Kunsill iddecieda li jassorbi l-ispiza hu peress li ma setax jigi stabbilit min kien li kkawza l-hsara.

18.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm resident li qallu li l-problem tfaccat qabel ma sar il-qlugh tal-bankini mill-Kuntrattur tal-Kunsill u ma qabilx mal-mod kif sarer il-verifika dwar jekk il-htija tal-problema tad-drenagg kienitx tax-xogholijiet li wettaq il-Kunsill jew le. Qal li messha saret verifika ahjar sakemm kien jinstab min verament kien wasal ghal din il-problema.

## 19.0 Isle of MTV

19.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien gie kkuntattjat mill-Malta Tourism Authority fejn gie nformat li jekk jigi ffirmat il-ftehim li l-Isle of MTV jibqa' jsir dejjem fil-

Floriana, huma kienu lesti li jsir progett ghall-komunita’ sabiex ipatti ghall-inkonvenjenti.

19.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien ser jitlob ukoll hlas ghall-uzu tat-toroq uzati ghall-armar tal-palk, ecc. hekk kif stipulat f’avviz legali li jirregola l-attivitajiet. Is-Sindku qal li l-kont jinhadem fuq l-uzu taz-zona b’metri kwadri kull gurnata.

19.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hemm bzonn li l-Kunsill jinsisti dwar il-bye law tal-uzu tal-Fosos sabiex il-Kunsill jiehu hlas gust ghall-inkonvenjenzi li ssofri il-komunita’ Furjaniza u ghax-xoghol li jiehu il-Kunsill meta jigu organizzati l-attivitajiet f’dab il-post.

19.4 Is-Sindku qal ukoll li bhal f’kull attivita’, kien intalab depozitu u ghalhekk talab ghall-kummenti tal-Kunsill jekk ghandux jigi rilaxxat id-depozitu. Il-Kunsill qabel li d-depozitu ghandu jinzamm sakemm tithallas l-invoice tal-uzu tal-madwar tal-Fosos.

19.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kienu saru diversi hsarat matul dan il-kuncert izda l-Kunsill ma qabilx li ghandu jimmulta lill-MTA fuq l-ezempji wzati minhabba li dawn il-hsarat ma setghux ikunu kkonfermati bhala relatati mal-kuncert.

19.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-ammont ta’ mobile toilets kien ferm inqas minn dak miftiehem u li l-mobile toilets li gew ipprovduti ma tpoggewx skont il-ftehim.

19.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq l-ilment tieghu ghall-fatt li hu ma kienx gie kkonsultat meta nzammet il-laqgha mal-Pulizija u mal-gwardjani lokali ladarba dawn jaqghu taht ir-remitu tieghu.

19.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu wkoll hass li kellu jkun ikkonsultat meta ser jinzammu l-laqghat peress li kien hu responsabbli mill-attivitajiet.

19.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li r-raguni ghalfejn kien ipproceda kien minhabba li s-Sindku kien assenti fuq ragunijiet ta’ safar u ghalhekk hu kien saqsa fl-ahhar laqgha x’kien qed isir dwar l-Isle of MTV. Minhabba li kien informat li ma kienu qed isiru l-ebda laqghat, u anke minhabba li hu kien l-agent Sindku fl-assenza tas-Sindku Nigel Holland, kien attenda ghal-laqgha li saret ma’ Carina Dimech.

19.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi qal li ghal-laqgha kien stieden lill-kunsillieri kollha u anke kitibha fuq in-noticeboard.

19.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma kienet irceviet l-ebda email tat-tip. Il-Vici Sindku Matthew Paris wera prova tal-korrispondenza mibghuta.

19.12 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien mar ghal-laqgha flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv minhabba li hadd mill-kunsillieri ma kien attenda.

19.13 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien gie elett biex jirrapprezenta l-interessi tar-residenti u ghalhekk hass li kien id-dover tieghu li jikkontribwixxi ghall-organizzazzjoni ta’ dan il-kuncert fl-assenza ta’ min kien responsabbli.

19.14 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ga tkellem fuq certi aspetti tal-Kuncert mal-organizzaturi fil-gimghat precendenti u l-Vici Sindku Matthew Paris kien assumna li ma kienux ser isiru laqghat meta fil-fatt kienu ser isiru laqghat ohra qabel il-Kuncert.

19.15 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-fatt li l-gwardjani lokali ma kellhomx l-apparat necessarju biex iharrku bhalma kellhom fis-snin li ghaddew.

19.16 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li tintbaghat ittra lill-MTA fejn tidentifika numru ta’

nuqqasijiet u jesiegi li l-lokalita' ghandha tigi ttrattata kif suppost – b'sigurta' adegwata, tindif adegwat u kollox irid ikun relattiv. Hu qal ukoll li din l-ittra ghandha tigi ppublikata minhabba li m'huwiex gust li l-Kunsill huwa l-inqas entita' involuta, ikkonsultata u involuta fl-organizzazzjoni ta' kuncert bhal dan u anke sabiex il-Kunsill jaghmilha cara li qed jipprova mill-ahjar sabiex jissalvagwardja l-interessi tar-residenti u tal-lokalita'.

**Nota: 18:35 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat.**

19.17 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li l-Kunsill ma jistax jibqa' jittollera hwienet li jaghlqu t-toilets taghhom minhabba li dan ikompli jzid mal-problema apparti li l-hwienet ikunu qed jiksru l-ligijiet tal-permess mahrug lilhom mill-MEPA.

19.18 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona wkoll li l-Kunsill johrog permessi tal-gabbani bil-kundizzjoni li kull applikant irid jipprovdi mobile toilet ghall-uzu tal-klijenti tieghu.

19.19 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet tinsab iddisguztata bl-agir tal-hafna li kienu prezenti ghal dan il-kuncert fejn hammgu mal-bibien tad-djar u gol-kantini tan-nies.

19.20 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet ukoll li jekk hemm xi hsieb li l-kuncert jerga' jigi organizzat fil-lokalita', hemm bzonn li ssir laqgha mal-MTA u mal-Ministeru kkoncernat sabiex id-diskussjonijiet jibdew minn issa.

19.21 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx li ghandha tintbaghat l-ittra minhabba li jhoss li huwa prematur li l-Kunsill jikkommetti ruhu li jiehu decizjoni minn issa dwar il-hrug tal-permess. Huwa qal li jkun ahjar jekk f'dan l-istadju ssir laqgha mar-residenti.

**Nota: 18:45 Il-Kunsillier Vincent Borg rega' attenda ghal-laqgha.**

19.22 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li jsir referendum mar-residenti tal-lokalita' dwar jekk il-kuncert jergax jithalla jsir fil-lokalita'. Kien hemm min ma qabilx minhabba li dan jista' jkun perikoluz.

19.23 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill jibghat ittra lill-Malta Toruism Authority fejn jinformahom li biex il-Kunsill jikkunsidra biss li jerga' jinhareg permess ghal edizzjoni ohra tal-kuncert, iridu jinfethu n-negozjati biex dan il-kuncert isir bl-inqas inkonvenjenti possibli lejn ir-residenti tal-lokalita'.

19.24 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-ittra proposta f'19.22 tintbaghat lill-Malta Tourism Authority u lill-media kollha lokali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 20.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena

20.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghandu jiltaqa' ma' rapprezentant tal-G7 biex jiddiskuti l-attivita'.

20.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien informat mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li l-kunsilli ma setghux johorgu expression of interest.

20.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien ser joggezzjona jekk il-Kunsill kien ser ikollu johrog xi flus ghal din l-attivita' ladarba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija wahda prekarja.

## 21.0 Progett tal-Polverista ta Binja Vilhena

21.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien tkellem mal-Ministru u ppropona li jintbaghtu l-ittri mill-aktar fis possibli lill-Ministru.

## 22.0 Residenzi u Hwienet maghluqin fil-Floriana

22.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li wahda mill-problemi kbar tal-Floriana hija l-ammont kbir ta' postijiet vakanti u maghluqin.

22.2 Fir-rigward tal-hwienet ta' taht il-logog ta' triq Sant'Anna, huwa ssuggerixxa li l-Kunsill jitkellem mal-Gvern Centrali biex il-postijiet maghluqin li hemm taht il-logog jittiehdu u jinhargu b'offerta' ghal min ikun interessat.

22.3 Fir-rigward ta` postijiet maghluqin li jkunu fi stat ta' abbandun u perikoluz, Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li l-ikbar problema tinholoq meta r-resident ikun qed jghix barra minn Malta u ghalhekk ma jkunx jista' jigi kkuntattjat. Is-Sindku wiegeb li f'kazijiet bhal dawn ghandhom ikunu l-awtoritajiet ikkoncernati li jiehdu l-intrigu li jaghmlu dak kollu possibli biex jitnehha l-periklu.

22.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris zied jghid li l-Kunsill jista' jitlob lill-Pulizija sabiex jikkuntattjaw lis-sid huma u ghalhekk ma jkun hemm l-ebda ksur ta' data protection.

## 23.0 Arblu f'nofs Pjazza Sant` Anna

23.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm xi zivlupp.

23.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-MSD Garage kellhom jirrevedu l-kwotazzjoni minhabba li ghadda wisq zmien, u kien qed jistenna risposta.

23.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ser jiehu din il-materja f'idejh sabiex ikun jista' jsegwiha sew.

## 24.0 Justin Haber Football Academy

**Nota: 19:02 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

24.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma kienx kuntent bil-mod kif sar il-picc sintetiku u dan kien esprimih fil-laqgha li saret ma' Mark Mizzi.

**Nota: 19:05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

24.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm talba mill-Akkademja ta' Justin Haber sabiex il-Kunsill jghin b'mod finanzjarju biex jitranga d-drainage fid-dressing rooms.

24.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ta rendikont ta’ dak li kien gie diskuss matul il-laqgha li nzammet mal-Akkademja ta’ Justin Haber.

**Nota: 19:10 Is-Sindku Nigel Holland rega’ attenda ghal-laqgha.**

24.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano ippropona li tinzamm laqgha mas-Sur Justin Haber sabiex ikunu jistghu jigu diskussi ahjar is-suggerimenti u t-talbiet tieghu.

24.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien informat mill-istess Akkademja li ma jhossux li ghandhom jergghu jirrangaw il-picc biex jaghmluh biex iservi ukoll, kif miftiehem, ta’ tennis court wara l-investiment kbir li kien diga sar.

24.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-materja tac-cavetta tal-picc fejn flimkien mal-Kunsilliera Davina Sammut Hili irrakontaw x’gara.

24.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa’ ma’ Justin Haber sabiex jiddiskuti l-proposti u t-talbiet tieghu, kif ukoll dawk tal-Kunsill.

**Nota: 19:15 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega’ attenda ghal-laqgha.**

## 25.0 Floriana Fest

25.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien gie avvicinat mill-Arcipriet tal-lokalita’ rigward din il-materja, kif ukoll prezenta korrispondenza minghand l-istess Arcipriet.

25.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb u jinforma li l-Kunsill mhux f’pozizzjoni li jorganizza din l-attivita’ minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li qieghed fiha.

25.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li jekk il-Kunsill jigi biex jaghmel Genna ta’ Gonna, jikkunsidra li jinkludi lill-ghaqdiet lokali fl-attivita’.

25.4 Rigward Genna ta’ Gonna, is-Sindku Nigel Holland qal li kien qed jikkunsidra li jitnaqqsu xi spejjez bhal ma jkunx hemm impjieg ta’ security guards ghassa mal-postijiet t’interess, ecc.

## 26.0 Aġġornament tal-laqgħa

26.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis l-1 t’Awwissu fit-3.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-7.15pm.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Svetlick J. Flores<br>Segretarju Ezekuttiv |